

2. It-tieni motiv: ksur tal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni ta' proporzjonalità, ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi minħabba li ġie stabbilit perijodu tranżitorju irraġonevolment qasir sabiex fih is-sistemi ta' ċertifikazzjoni jimplementaw il-metodoloġija ta' kalkolu li tmur kontra d-Direttiva, li jiskadi fl-1 ta' Settembru 2017.
- Il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma hijiex żgurata sa fejn it-termini proċedurali u t-termini għal transpożizzjoni huma irraġonevolment qosra.
 - Hemm ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali minħabba d-diffikultajiet irraġonevoli marbuta mal-implementazzjoni.

(¹) Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU 2009, L 140, p. 16).

(²) Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 124).

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2017 – Printeos *et vs* Il-Kummissjoni

(Kawża T-466/17)

(2017/C 318/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Printeos, SA (Alcalá de Henares, Spanja), Printeos Cartera Industrial, SL (Alcalá de Henares), Tompla Scandinavia AB (Stokkolma, l-Isvezja), Tompla France (Fleury Mérogis, Franza) u Tompla Druckerzeugnisse Vertriebs GmbH (Leonberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Brokelmann, u P. Martínez-Lage Sobredo, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 4112 finali tas-16 ta' Ġunju 2017 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 9295 finali, tal-10 ta' Diċembru 2014, dwar proċedura taħt l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39780 — Enveloppi);
- sussidjarjament, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, bħala konsegwenza ta' (i) tnaqqis ta' 95,3671 % tal-ammont bażiku tal-multa skont il-paragrafu 37 tal-Linji gwida dwar il-multi u (ii) tnaqqis ulterjuri tal-ammont tal-multa, wara tnaqqis għal klemenza u tranżazzjoni, b'mill-inqas 33 %;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tas-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2016 (Kawża T-95/15, Printeos vs Il-Kummissjoni), il-Qorti Ġenerali annullat l-Artikolu 2(1)(e) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2014) 9295 finali, tal-10 ta' Diċembru 2014, fil-Kawża AT.39780, li imponiet fuq ir-rikorrenti multa ta' EUR 4 729 000.

Id-deċiżjoni kkontestata ttiprovdi informazzjoni addizzjonali dwar il-metodoloġija li għet applikata u l-fatti li ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni meta ffissat u aġġustat l-ammonti bażiċi tal-multi tad-deċiżjoni tal-2014 u meta imponiet multa tal-istess ammont bħal dik imposta bis-saħħa tad-deċiżjoni tal-2014.

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali, tal-aspettattivi leġittimi u ta' *ne bis in idem*.

- F'dan ir-rigward, jingħad li d-deċiżjoni kkontestata tibdel id-deċiżjoni tal-2014, minkejja li hija finali, bl-unika eċċezzjoni tal-Artikolu 2(1)(e) tagħha, li ġie annullat mill-Qorti Ġenerali, u meta imponiet mill-ġdid l-istess multa diġà imposta fid-deċiżjoni tal-2014 u annullata mill-Qorti Ġenerali.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fl-iffissar tal-ammont tal-multa.
 - F'dan ir-rigward, jingħad li d-deċiżjoni kkontestata tapplika aġġustamenti eċċezzjonali tal-ammonti bażiċi tal-multi skont il-paragrafu 37 tal-Linji gwida dwar il-multi, li jwasslu għal diskriminazzjoni b'detriment għar-rikorrenti.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni fl-iffissar tal-ammont tal-multa.
 - F'dan ir-rigward, jingħad li d-deċiżjoni kkontestata ma tiħux inkunsiderazzjoni l-multa diġà imposta mill-Awtorità Spanjola dwar il-Kompetizzjoni, fil-25 ta' Marzu 2013, minħabba prattiki restrittivi tal-kompetizzjoni fis-settur tal-enveloppi tal-karta, u lanqas ma tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti huma l-uniċi impriżi fost dawk issanzjonati mill-Kummissjoni li ġew ukoll issanzjonati minn awtorità nazzjonali dwar il-kompetizzjoni.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Awwissu 2017 – Rogesa vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-475/17)

(2017/C 318/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Rogesa Roheisengesellschaft Saar mbH (Dillingen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Altenschmidt u A. Sitzer, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2017 jew, sussidjarjament, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 2017, li tirrifjuta t-talba konfermattiva tar-rikorrenti tad-29 ta' Mejju 2017 (Referenza GestDem No 2017/1788); u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-kundizzjonijiet għall-intitolament għal aċċess għad-dokumenti ġew issodisfatti
 - Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1367/2006 ⁽¹⁾, moqri flimkien mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1049/2001 ⁽²⁾, għaliex hija intitolata jkollha aċċess għad-dokumenti li hija talbet.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li ma hemm l-ebda raġuni għal rifjut taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001
 - Ir-rikorrenti ssostni li d-dokumenti mitluba ma jinkludux data li hija kummerċjalment sensittiva fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u li, f'kull każ, hemm interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokumenti.
 - Ir-rikorrenti ssostni wkoll li r-raġuni għal rifjut skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li jgħid li aċċess għal dokument jista' jiġi rrifjutat meta l-iżvelar tiegħu jippreġudika l-protezzjoni ta' proċeduri ġudizzjarji u ta' pariri legali, lanqas ma tapplika għaliex il-Kawża C-80/16 (ArcelorMittal Atlantique u Lorraine) pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet prattikament konkluzja permezz tas-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017.
 - Ir-rikorrenti żżid ukoll li l-Kummissjoni, f'kull każ, kienet obbligata tagħti aċċess parzjali, jekk meħtieġ billi tneħħi data kunfidenzjali. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, għalhekk, tikser ukoll l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u l-prinċipju ta' proporzjonalità skont l-Artikolu 5(4) TUE.